**24 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Kaptan Damiano Altamura ne.

*versus*

Walter Ellul Sullivan ne. et.

**Kolliżjoni fuq il-Baħar — "Maritime Convention Act, 1911"**

*Huwa obligu tal-bastimenti li josservaw ir-regolamenti tal-"Board of Trade" u regolamenti oħra dwar it-traffiku fuq il-baħar, fosthom dawk li jirregolaw it-traffiku fil-Portijiet*

*ta' Malta. Kolliżjoni dovuta għall-ksur ta' dawn ir-regolamenti tirrendi responsabbli għad-danni lill-bastiment li jkun kisirhom.*

*Fid-determinazzjoni tal-ħtija ebda mportanza ma għandha tiġi mogħtija lill-bastiment li wara l-kolliżjoni ma waqafx; għax il-"Maritime Convention Act, 1911" abolixxa l-preżunzjoni antika ta' ħtija ta' min ma jwaqqafx mingħajr raġuni valida wara l-kolliżjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi, meta l-motoveljer "Adria", taħt il-kmand tal-attur, kien sejjer biex joħroġ mill-Port il-Kbir ta' Malta, ġie milqut mill-vapur tedesk "Nerissa" tort ta' dan, minħabba imperizja, negliġenza u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti; u illi bħala konsegwenza tal-istess kolliżjoni l-motoveljer "Adria" sofra ħsara konsiderevoli, konsistenti fid-danni materjali tal-istess bastiment u f'danni oħrajn derivanti mill-immobilizzazzjoni tiegħu: talab illi l-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli tad-danni lejh fil-kwalità premessa, għar-raġunijiet fuq indikati, u jiġi kundannat iħallas lilu, bħala rifaċiment tal-istess danni, dak l-ammont li jiġi likwidat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal mandat ta' impediment ta' safar tal-bastiment u tal-kontro-mandat taż-17 ta' Mejju 1956;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-perizja jirriżulta li l-kolliżjoni bejn il-bastimenti fuq riferiti saret fil-Port il-Kbir ta' Malta għall-ħabta tad-disgħa ta' bil-lejl (ħin lokali), meta kien id-dlam, fil-waqt li n-"Nerissa" kienet dieħla fil-port u l-"Adria" kienet ħierġa. Iż-żewġ bastimenti kienu juru d-dawl tan-navigazzjoni rikjesti mir-regolamenti. It-temp kien tajjeb, u fuq it-Turretta tal-Palazz u fuq Sant'Anġlu kien hemm sinjal kompost minn ħames dwal ħomor forma ta' salib. Dan is-sinjal, li hu użat skond il-prattika, bħal dak imsemmi fir-regolament 5 tal-"Harbour Regulations" (li proprjament jindikah bħala "red lights in the form of a diamond"), jissinifika illi bastimenti ta' ħames mitt tunellata

"gross" jew aktar jistgħu jidħlu fil-port, imma ma joħorġux. Għalhekk in-"Nerissa" kellha dritt tidħol għaliex hi ta' aktar minn 500 tunellata, u l-"Adria" ma kienetx fid-dover li ma toħroġx, għaliex hija ta' anqas minn 500 tunellata;

Illi l-attur u x-xhieda prodotti minnu minn naħa l-waħda, u l-konvenut u x-xhieda prodotti minnu, minn naħa l-oħra, taw versjonijiet għal kollox kuntrarji dwar ir-rotta li ħadu ż-żewġ bastimenti sal-mument tal-kolliżjoni, dwar il-post fejn din ġrat, u dwar il-mod kif saret;

Illi difatti, skond il-versjoni tal-attur l-"Adria" telqet mill-Marsa u mxiet bil-mod biex tgħaddi ċirka għoxrin metru l-barra mill-fanal l-aħmar ("lighthouse") ta' Ricasoli, u żammet lejn il-lemin tal-"fairway", u, meta kienet ftit bogħod mill-fanal fuq dik ir-rotta, daħlet fuqha n-"Nerissa", li ma ppruvatx tevita l-kolliżjoni, mentri li l-"Adria" ħadet il-passi meħtieġa biex tevitaha. Skond il-versjoni tal-konvenut, in-"Nerissa", li kienet dieħla bl-assistenza tal-pilota, biex issorġi fejn il-"Fish Market Wharf", għaddiet minn bejn Ricasoli u Sant'Elmo, u kienet miexja bil-mod għall-baga tal-"Imgerbeb Point", viċin tal-art in-naħa tal-Belt Valletta, u l-kolliżjoni saret ftit qabel din il-baga, u hija ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex tevita l-kolliżjoni, fil-waqt li l-"Adria" baqgħet dieħla fiha;

Illi mill-perizja jirriżulta, għar-raġunijiet indikati fir-relazzjoni tal-perit, illi mhux verosimili li l-kolliżjoni setgħet saret fil-punt indikat mill-attur, jiġifieri kważi mal-fanal ta' Ricasoli, u li hija inveċe wisq aktar aċċettabbli l-versjoni tal-konvenut li n-"Nerissa" daħlet fil-Port billi għaddiet ċirka minn nofs bejn il-fanal ta' Ricasoli u l-art tal-Belt Valletta, u żammet il-baga bid-dawl tal-"Imgerbeb" kważi għall-pruwa "fine on the starboard bow"), kif hu soltu li jsir, u illi l-kolliżjoni saret aktar il-ġewwa fil-Port milli qal l-attur, bejn in-naħa tal-lemin int u dieħel, qrib il-baga tal-"Imgerbeb";

Illi, ukoll mill-perizja, jirriżulta illi, ġa ladarba l-kolliżjoni ġrat qrib l-imsemmija baga, u n-"Nerissa", kif ikkonferma l-pilota, kienet miexja fid-direzzjoni li tieħu xi

mitt pied il-barra minnha, bilfors li qabel il-kolliżjoni l-"Adria" kienet miexja fuq in-naħa tax-xellug tal-"fairway"; u din hi ħaġa kontra r-regolamenti "for the maintenance of good order in the Grand and Marsamuscetto Harbours";

U difatti, skond ir-regolament 7 ta' dawk ir-Regolamenti, "the recognised fairway in the Grand Harbour extends from the Breakwater entrance past the mouth of Dockyard and French Creeks and South East of Admiralty buoys no. 5, 6, 7 and 8. Vessels shall keep in the middle of the fairway as much as possible, except in the case of meeting another vessel, when article 25 of the Board of Trade Regulations for preventing collisions at sea is to be complied with"; u l-imsemmi art. 25 tal-Board of Trade Regulations jgħid:— "In a narrow channel every power-driven vessel, when proceeding along the course of the channel, shall, when it is safe and practicable, keep to that side of the fairway or mid-channel which lies on the starboard side of such vessel";

Illi għalhekk kien dmir l-"Adria" illi ma żżommx fuq in-naħa tax-xellug tal-"fairway" u tevita lin-"Nerissa", li kienet indirizzata għal-lemin tal-"fairmay", billi tersaq għal-lemin tal-"fairway" u tindika wkoll bis-sirena illi kienet serja tagħmel dik l-alterazzjoni fir-rotta, skond ir-regolament 26 tal-imsemmija Regolamenti kombinat mar-Rule 28 tal-"Collision Regulations";

Illi għalhekk, kif jirriżulta mill-perizja, il-kaptan tal-"Adria", meta ra lin-"Nerissa", biex ikun osserva r-regolamenti ma-messux waqaf, kif hu qal li għamel, imma messu baqa' miexi, u jmissu ġibed lejn in-naħa tal-lemin tal-"fairway" — b'liema mod kien jista' jevita l-kolliżjoni; u jmissu għamel sinjal biex jindika dik il-manuvra; fil-waqt li n-"Nerissa" ġibdet lejn il-lemin, kif kellha tagħmel, u għamlet is-sinjal neċessarju, u waqfet u marret "astern" — liema manuvra, fil-pożizzjoni fejn kienet, kienet tajba u skond ir-regolamenti, peress illi kienet fuq in-naħa t-tajba tal-"fairway"; u ebda mportanza ma tista' tiġi mogħtija lill-fatt li n-"Nerissa". wara l-kolliżjoni ma waqfetx, fid-determinazzjoni tal-ħtija għall-kolliżjoni. In-"Nerissa"

wara l-kolliżjoni kellha tagħmel manuvra biex ma tmurx l-art in-naħa tal-Belt Valletta, u l-"Maritime Convention Act, 1911" il-lum jabolixxi l-preżunzjoni antika ta' ħtija ta' min ma jwaqqafx mingħajr raġuni valida;

Illi għalhekk mill-perizja jirriżulta li n-"Nerissa" ma kellha ebda ħtija, u li r-responsabbiltà tal-kolliżjoni hi kollha tal-"Adria", peress illi kienet miexja fuq in-naħa l-ħażina tal-"fairway" u ma ħadetx il-prekawzjonijiet neċessarji skond ir-Regolamenti;

Kwindi, prevja konferma tal-perizja;

Tirrespinġi l-istanza; bl-ispejjeż.